# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 22 ta' Marzu 2002.**

**Numru 69**

**Citaz. numru 474/92 DS**

Anthony u Irene mizzewgin Vella

vs

Godwin Savona f'ismu propju u ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta "Automart"

Illum, 22 ta' Marzu 2002

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fid-9 ta' April 1992 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew:

Illi huma sidien tar-residenza taghhom "Maria Mater Gratiae", St. Venera Road, Msida.

Illi l-imsemmija dar taghhom garrbet hsarat ingenti wara li nirien qawwija hakmu l-fond kummercjali sottostanti "Automart", hanut li jbiegh 'parts' tal-karrozzi li jappartjeni lill-konvenut.

Illi rrizulta li l-konvenut kien jahzen bil-kwantita' gol-hanut stess, 'organic & inorganic compounds' u 'oxidizing agents' kif ukoll zjut tal-karozzi, zebgha 'spray' u 'pressurized cans' u oggetti tal-lastiku.

Illi dawn is-sostanzi kienu l-kawza tan-nirien qawwija li hakmu l-hanut tal-konvenut u li kkagunaw hsarat strutturali lill-propjeta' tal-atturi, tant illi l-atturi kellhom jigu evakwati u ma jistghux jirritornaw lejn id-dar taghhom qabel ma jsiru tiswijiet estensivi.

Illi s-sostanzi li l-konvenut kien jahzen bil-kwantitia' fil-hanut tieghu sottostanti r-residenza tal-atturi, mhux permess mill-ligi li jigu mahzuna f'ambjenti residenzjali (ara Explosives Ordinance, Vol. III tal-Ligijiet, Chapter 33).

Illi konsegwentement il-konvenut kien responsabbli ghall-hsarat ingenti sofferti mill-atturi fil-propjeta' taghhom, u dan minhabba nuqqas ta' hsieb, imprudenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti.

talbu li din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:

1. tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-hsarat kawzati lill-atturi fil-propjeta' taghhom, prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenut kien jahzen sostanzi kif hawn fuq imsemmi, bil-kwantita', fil-hanut tieghu sottostanti r-residenza tal-atturi;

2. tillikwida d-danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-atturi;

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi d-danni kif likwidati.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk taz-zewg ittri tas-27 ta’ Marzu 1992, dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru u Mandat ta’ Qbid prezentati fis-6 ta’ April 1992, kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni. Bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

Ili t-talba tal-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjenti mhux responsabbli ghall-incident in kwistjoni.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut fejn qal:

Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet riferibbli ghar-responsabilta tal-incident, l-atturi m’ghandhomx interess guridiku sabiex ikomplu bit-talbiet ghad-danni referibbli ghall-fond immobbiljari stante illi dan il-fond imbiegh lill-konvenut permezz ta’ kuntratt tal-14 ta’ Dicembru 1994 fl-atti tan-Nutar Dr Clyde La Rosa minghajr ebda rizerva jew kondizzjoni u ghalhekk hemm

“confusio” legali u inoltre u minghajr pregudizzju ghal-premess d-danni pretizi huma ezagerati.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tat-22 ta’ Gunju 1991 fejn gie nominat l-Avukat Dottor Joseph Micallef Stafrace bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz, u dan bl-assistenza tal-Profs. Alfred Vella;

Rat id-digriet tas-7 ta’ Ottubru 1992 fejn, fuq rikors tal-perit legali, gie nominat l-A.I.C. Frederick Doublet bhala perit tekniku;

Rat ir-relazzjonijiet tal-periti gudizzjarji;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Trattat il-kawza;

Ikkunsidrat illi:-

Din il-kawza tirrigwarda hruq li beda fil-fond "Automart" f'Msida Valley Road, Msida, u li kkaguna hsarat fil-fond sovrastanti proprjeta` ta' l-atturi. Jirrizulta li fit-12 ta' Marzu 1992 ghall-habta tal-5.00 p.m. il-konvenut ghalaq il-hanut u ftit tal-hin wara l-attrici nnotat duhhan hiereg fl-inhawi tat-tabella tal-hanut. Sejhet lil zewgha li cempel lill-Fire Brigade. Xi hadd cempel lill-konvenut li mill-ewwel rega' mar fuq il-post. L-atturi, li kienu joqoghdu filo-fond sovrastanti, kellhom jevakwaw minn darhom peress li giet affettwata bin-nar. Id-Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali pprovdielhom akkomodazzjoni temporaneja fil-White Rocks Holiday Complex izda kellhom jivvakaw minn hemm a rikjesta tal-Gvern wara hmistax-il gurnata. Sabu *furnished accomodation* Hal-Safi u wara sitt xhur xtraw fond f'Hal-Safi. Fil-mori ta' dawn il-proceduri bieghu l-fond taghhom fl-Msida lill-konvenut stess.

Permezz ta' din ic-citazzjoni l-atturi qed jitolbu rizarciment ghad-danni li huma sofrew minhabba l-incident in kwistjoni peress li jsostnu li l-konvenut huwa responsabbli ghal dak li sehh. F'dar-rigward il-perit legali jghid hekk:

"41. Li origina nar fl-AUTOMART li affetwa l-fond sovrastanti tal-atturi, mhux in diskussjoni billi hu fatt. F'dan ir-rigward, l-atturi qua dannegjati, ma kellhomx tort, anqas xi ghamla ta' htija kontributorja.

42. Fil-konfront tal-atturi, ghal dan in-nar ghandu jwiegeb il-konvenut. F'din is-sede civili, il-prova trid issir ghallinqas fuq bazi ta' probabilitajiet, fuq bazi ta' preponderanzi, bhala **id quod plerumque accidit**. Issa l-Prof. Vella, fir-relazzjoni tieghu, hu tal-opinjoni li kien hemm xi raguni elettrika li kkagunat in-nar; kif u mhux kif hu ma jistax jikkonkludi b'certezza. Pero' kien dover tal-konvenut li jara u jassikura li, il-hin kollu, xejn ta' natura elettrika ma jikkaguna nar li minnu jsofru terzi, kif gara fil-kaz odjern. Jekk wiehed ihares lejn il-kaz mod iehor tkun infethet it-triq ghal ingustizzja u l-inekwita'.

43. Fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu il-konvenut ghamel enfasi kbira ghall-kawzali msemmija fil-para. 2 supra u enfasizza u tenna li b'hekk l-atturi rabtu idejhom irrimedjalment ghax poggew il-kawza fuq binarji specifici li ma gewx pruvati.

44. L-esponent jistqarr li din is-sottomissjoni habbtitu u hassbitu sew. Pero' meta' wiehed jirrifletti fil-fond, isib li l-atturi in sustanza ppremettew li sehh nar li ghalih kellu jirrispondi l-konvenut "minhabba nuqqas ta' hsieb, imprudenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti." Anke jekk ma kien xejn felici, u pperikolaw ruhhom gudizzjarjament meta specifikaw

il-kawza tan-nar, b'dankollu dan ma kienx pass fatali darba li rrizulta n-nar, u li dan in-nar ghandu jirrispondi ghalih il-konvenut.

45. F'eccezzjoni ulterjuri l-konvenut eccepixxa hekk:

L-atturi m'ghandhomx interess guridiku sabiex ikomplu bit-talbiet ghad-danni riferibbli ghall-fond immobiljari stante li dan inbiegh pendente lite lill-konvenut minghajr ebda riserva jew kondizzjoni u ghalhekk hemm "confusio" legali.

46. Hu car li l-konvenut qed jillimita l-eccezzjoni tal-"confusio" in kwantu ghall-hsara fil-bini u mhux ghal danni ohra, specifikament indikati mill-atturi.

47. Fil-fehma tal-esponent, din l-eccezzjoni ulterjuri ma jisthoqqilhiex li tigi akkolta. Il-kawza odjerna mhix wahda dwar propjeta' izda dwar danni aquilani. Ghal darb'ohra, kien ikun ahjar kieku l-atturi fl-Att notarili Dok. PB, specifikaw xi haga dwar l-istat dannegjat li fiha kienet il-propjeta' in vendita. Pero' il-patt li l-fond kien qed jinbiegh "minghajr garanzija ghal difetti mohbija" ma jfissirx li l-atturi vendituri kienu qed jirrinunzjaw ghad-dritt taghhom, si et quatenus, versu l-akkwirent, bhala konvenut fil-kawza odjerna.

48. In vista ta' dak kollu migjub f'din it-taqsima l-esponent hu tal-umli fehma li l-konvenut ghandu jwiegeb, fil-konfront tal-atturi ghad-danni li garrbu b'rizultat tan-nar imsemmi."

L-espert forensiku l-Profs. Alfred Vella jghid fir-relazzjoni tieghu li l-hruq probabilment beda *b'short* circuit elettriku minhabba gwast fis-sistema elettrika konnessa mat-tabella li kien hemm imwahhla mal-hajt ta' quddiem fuq il-bieb tal-hanut. L-*electrical fire* seta' baqa' diehel mal-*cables* li jaghtu minn din it-tabella ghal gewwa fejn sab *targets* kombustibbli li hadu n-nar fuq gewwa. Dawn it-*targets* certament jaqghu fid-definizzjoni ta' *organic and inorganic compounds* imsemmijin fil-premessi tac-citazzjoni, apparti li jidher li kien hemm ukoll affarijiet tal-lastiku. U l-fatt li ma kienx hemm materjal li jaqa' taht il-kontroll ta' l-Ordinanza dwar l-Isplussivi (kif imsemmi f'wahda mill-premessi tac-citazzjoni) ma jfissirx li, kif ippretenda l-konvenut fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu ta' l-1 ta' Frar 1999, it-talbiet ta' l-atturi ma gewx pruvati u ghandhom jigu michuda. Wara kollox jirrizulta soddisfacentement in-nuqqas ta' hsieb jew imprudenza tal-konvenut.

Kif xehed il-konvenut stess fis-seduta peritali ta' l-24 ta' Ottubru 1995, kien jitfi kollox barra bozza bhala security u l-mains ihallihom "on". Indubitament dan kien qed jaghmlu a riskju tieghu. Inoltre jirrizulta mir-rapport ta' William

Cassar Torreggiani li fl-imhazen ma kien hemm ebda sistema ghat-tifi tan-nar. Issir ukoll riferenza ghall-verbal ta' l-access mizmum mill-imsemmi perit tekniku William Cassar Torreggiani fit-13 ta' Marzu 1992 fejn fit-tielet paragrafu jghid li l-wiring huwa mdewweb minhabba li hemm *loose connection* u dan jidher li sahan u meta dewweb il-*wire* kkawza hruq fil-*wiring* ta' l-ewwel *store*. Meta mbaghad xehed fis-seduta peritali ta' l-14 ta' Lulju 1994 qal li n-nar jista' jigi kawza ta' *loose connection* u vice-versa u li jsiru *periodical checks* biex tara li ma jkunx hemm *loose connections*. Il-konvenut ma kkummenta xejn dwar jekk kinux isiru *periodical checks*.

Ghahekk il-Qorti taqbel mal-perit legali li l-konvenut ghandu jinzamm responsabbli ghall-incident in kwistjoni u ghad-danni konsegwenzjali.

Dwar l-eccezzjoni ulterjuri li pprezenta l-konvenut tal-*confusio legali*, il-Qorti tikkondividi l-hsieb tal-perit legali fir-rigward (para. 47). Li kieku l-atturi kienu qed jirrinunzjaw ghad-dritt taghhom ghad-danni f'dawn il-proceduri, wiehed kien jistenna li fil-kuntratt ta' vendita kienu jiddikjaraw li l-prezz qed jircevuh ghas-saldu ta' kull pretensjoni taghhom u li konsegwentement sejrin icedu dawn il-proceduri. Minn dan ma sar xejn. Din l-eccezzjoni hi ghalhekk insostenibbli.

Dwar id-danni l-perit legali jaghmel dawn l-osservazzjonijiet:

“49. Id-danni jridu jitqassmu taht zewgt irjus, li huma:

i) hsara fil-fond

ii) spejjez inkorsi u telf iehor imgarrba mill-atturi b’rizultat tal-incident.

50. Dwar il-likwidazzjoni l-esponent jirrileva li ghandu jkun gwidat mis-segwenti principji:

i) trid issir gustizzja sew mal-obligat (jew danneggjat) kif ukoll tad-dannegjat.

ii) Id-danneggjat, ghandu jagixxi tal-bonus paterfamilias u jikkontrolla u jimminimizza kemm jista, d-danni li jrid jaghmel fronti ghalihom l-obligat.

iii) Id-dannegjat, li kien bi kwietu u, inaspettament isib ruhu rinfaccjat bi problema ingenti (bhal fil-kaz taht ezami fejn f’daqqa wahda l-atturi kellhom jabbandunaw darhom) m’ghandux wiehed jistenna minnu sagrificcji estremi. Bizzejjed li d-danneggjat isib ruhu f’hafna nkwiet, giri, tisfieq ta’ wicc, ansjeta’ ecc.

51. Fil-kaz tal-atturi inzerta li huma kellhom ga l-hsieb li jmorru f'xi fond iehor (certament ghall-ahjar). In fatti l-konvenut xehed, bla ma merieh hadd, hekk:

"Qabel l-incident kont naf li l-post tal-atturi kien reklamat ghall-bejgh. Kien ilu xhur, kemm ma nafx nippreciza. Kien hemm, jidhirli, tabella.

Jien dhalt narah, ghax kont interessat. Ma nteressanix ghax riedu jbieghu."

52. Dak li gara, izda, zgur li pprecipita l-affarijiet ghall-atturi.

53. Fil-fehma tal-esponent quantum ta' danni gust u ekwu jkun dak rappresentant mill-ispejjes tat-tiswija tal-fond kif stabbilit mill-espert gudizzjarju l-AIC Frederick Doublet. Il-periti tal-atturi, Montesin u Scerri, ma ressqux stimi. L-istima "ex parte" ta' l-AIC Alfred Grech, kummissjonat mill-assikuraturi tal-konvenut ma tistax tigi mill-esponent accettata in preferenza ghal dik tal-espert tal-Qorti. F'dan ir-rigward giet fissata somma ta' Lm4990.84 li ghandha tigi arrotondata ghal Lm5000.

54. Dwar id-danni l-ohra, ser tigi analizzata l-lista Dok LIST, kif munita bir-ricevuti u dokumenti ohra esebiti u enumerati bl-ahmar u xhieda korroborattiva.

55. Dwar items 1 u 2 fid-Dok List, fejn qed jigu mitluba Lm280 u Lm260 ghal rimozzjoni ta' ghamara, ghandna ricevuta ta' LINO datata 26.03.92 (Lm280) u ohra datata 02.09.92 (Lm260) fil-fehma tal-esponent hi dovuta biss l-ewwel spiza, meta l-atturi garrew mill-Imsida ghall-"furnished premises" f'Hal Safi. Meta huma garrew minn dal-post ghall-iehor li xtraw fi Triq San Tumas nkorrew spiza li xorta kienu jinkorru meta johorgu mill-post tal-Imsida ghal kwalsiasi fond iehor kif kellhom l-intenzjoni li jaghmlu sa minn qabel sehh in-nar.

56. Dwar il-kiri tal-"furnished premises", ammont ta' Lm426.50, din kienet spiza provokata mill-incident tan-nar u hi rimborsabbli. Kieku ma sehhx in-nar, l-atturi kienu jmorru mill-Imsida ghal fond gdid bla ebda episodju, fl-intervall, ta' kiri.

57. Dwar items 4, 5 u 6 dawn jidhlu fl-ispejjes gudizzjarji u huma regolati konfermement.

58. L-item 7, ammont zghir ta' Lm12 dwar l-akkwist ta' kaxxi tal-kartun, ir-ricevuta datata 17.03.92 (in-nar sar fit-12.03.92) tindika li din kienet spiza konnessa mat-traslok ta' malajr kagunat bin-nar.

59. L-ispiza ta' Lm5, hlas lill-perit Montesin, hi rimborsabbli ghax kienet mehtiega biex l-atturi jissalvagwardjaw l-interessi taghhom.

60. Hemm Lm5 tac-certifikat mediku. Bla ma wiehed joqghod jidhol jekk din l-ispiza kienetx "consequential loss" jew le, ammont hekk tenwu ghandu jkun imhallas mill-konvenut.

61. L-attur qed jippretendi hlas ta' Lm750, telf ta' salarju, pretenzjoni munita bid-dikjarazzjoni tal-employers tieghu, Dok AOT. Hawn wiehed irid japprezza li, darba li meta gara l-incident l-attur inzerta fil-perjodu tieghu li jkun Malta, ma kienx mistenni minnu li jaqbad u jitlaq lejn il-Libja u jhalli lil martu tghum wahedha d'dik it-tempesta li sabet ruhha fiha bla hsieb il-familja Vella, maghmula mill-genituri u zewgt itfal!

62. Permezz ta' verbal imnizzel fis-seduta peritali nru 8, dik tal-14.07.94, id-difensur tal-konvenut gie awtorizzat li "jikteb direttament lill-Austrian Oil Technology Ltd, basta kollox ikun rilevanti ghall-kaz. Ghal dal-fini ghandu juri l-ittra minn qabel lill-Perit Legali, minhabba r-rilevanza".

Jidher li ma sar xejn in segwitu ghal din l-awtorizzazzjoni u anqas ma ngiebet xi prova li twaqqa jew imqar iddghajjef il-pretensjoni attrici dwar din il-"loss". Ghalhekk m'hemmx raguni ghala din il-pretensjoni m'ghandiex tigi akkolta.

63. L-items 11 fid-Dok LIST, minti bir-ricevuti esebiti u enumerati bin-numru relattiv bl-ahmar, huma kollha rimborsabbli. Nafu li l-fond gie "engulfed" bid-duhhan. L-attur ghamel li sata meta ressaq saqqijiet, purtieri ecc. U mbaghad ma setax jidhol izjed. Il-konvenut innifsu xehed li meta hu fetah il-bieb tal-AUTOMART ma setax jidhol gewwa, stante d-dhahen. Il-Prof Vella fir-rapport tieghu osserva kif id-dhahen ghandhom it-tendenza li jitilghu 'l fuq.

64. Items 12 – 17 huma dwar re-spray ta' ghamara (13 u 15) tindif ta' tapestry (16, 17) u laundry ta' ilbies ghand Snow White (item 12). Kollox necessitat mill-incident. L-istess kienu necessitati it-TV repairs (item 11) u r-re-installation of air conditioning.

65. L-esponent ma jarax ghala l-obligat ghandu jaghmel tajjeb ghall-ispejjes tal-Lohumbus (items 19 u 20 fid-Dok LIST). L-atturi kellhom hsieb jiccaqalqu mill-fond tal-Imsida u spejjes simili dejjem riedu jigu inkorsi. Mhux l-istess izda jista jinghad dwar item 21, telf ta' nteressi li garrbu

l-atturi meta, bla hsieb, riedu l-flus f'idejhom biex jakkwistaw il-fond ta' Triq San Tumas, Safi.

66. L-atturi qed jippretendu Lm30 ghal spejjes zejda li nkorrew meta htigilhom jghixu gimghatejn f'Bahar ic-Caghaq (White Rocks). Hux Lm30 jew ftit inqas, ma jistax jigi precizat, izda spejjes zejda ta' trasport zgur li kien hemm. L-ammont ta' Lm30 mhux tali li, ictu oculi, tghoddu bhala esagerat."

Il-Qorti taqbel ma' dawn is-sottomissjonijiet li ghamel il-perit legali, taghmilhom taghha u b'hekk tillikwida d-danni fl-ammont ta' Lm7940.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u ghalhekk:

(1) tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-hsarat kawzati lill-atturi fil-proprjeta` taghhom,

(2) tillikwida d-danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-atturi fl-ammont ta' Lm7940, u

(3) tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi dan l-ammont hekk likwidat ta' Lm7940 bl-imghax millum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF**

**DR. DAVID SCICLUNA** **D/REGISTRATUR**